## MINUTI

GVERN LOKALI TA' XBIEX

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 18

IL-HAMIS 29 TA' MEJJU 2014 FIL-5.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER – Parti mil-laqgha |
| PAUL J. PACE | AGENT SEGRETARJU EZEKUTTIV |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti tas-seduta 17 datati 24.04.14 ġew approvati wara li saru xi korrezzjonijiet Għaldaqstant ġew iffirmati.

Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti irrimarka li l-Aġenda tal-Laqgħa tal-Kunsill mhux dejjem qeda tintbghat 6 tijiem qabel il-Laqgħa, is-Sindku Max Zammit spjega li l-Kunsill qiegħed jiltaqa ta' spiss u għalura mhux dejjem ikun il kaz li jista il-Kunsill jibgħat l-Agenda 6 tijiem qabel pero, is-Sindku qal li l-Kunsilliera kollha jkunu avzati u ġew ikkonsultati minnu dwar il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

Is-Sindku Max Zammit qal li għal futur jekk il-Kunsill ma jkunx ħa jagħmel laqgħa b'urġenza, jara li l-ammistrazzjoni tal- Kunsill jibgħat l-Agenda kif suppost fil-ħin stipulat peress li se jkun hemm iz-zmien bizzejjed fejn tkun avzata l-laqgħa.

## 2 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1 Is-Sindku Max Zammit tkellem fuq il- konferenza internazzjonali li saret ġewwa Sweden rigward EUROPEAN CITIES AGAINTS DRUGS li saret fis 19 ta' Mejju 2014. Is-suġġett prinċipali kien id-droga, huwa qal li din il-konferenza aktar iffokat fuq id-droga nnifisiha milli x'fett għandha d -droga fil-lokalitajiet. Għal din il-konferenza attendew ukoll il-Kunsilliera s-Sur Frank Roe u s-Sur Eugenio Muscat. Is-Sindku Max Zammit qal li fl-aħħar mill-aħħar din serviet ta' esperjenza pozittiva.

2.2 Is-Sindku qal bħal ma jafu z-zewg Kunsilliera is-Sur Eugenio Muscat u s-Sur Frank Roe li kienu prezenti għal din il-konferenza huwa kellem maċ-Chairman fejn għaddilu r-rizervi tiegħu ta' kif zvolgiet din il-konferenza.

2.3 Is-Sindku qal li kien jippreferi li waqt din il- konferenza kien ikun hemm ezempju ta' kemm id-droga tnaqqset mill-lokalitajiet, x'tip ta' għajnuna setgħu jgħatu lil nies li jieħdu d-droga billi joffruhom postijiet fiċ-ċentri u xi għajnuna oħra lid-drogati.

2.4 Is-Sindku qal liċ-Chairman ta' din il-Konferenza kien qabel mal-ħsibijiet tiegħu (Sindku), fejn qal li s-sena d-dieħla din il-Konferenza ħa tkun ibazzata iktar fuq il-Lokalitajiet u hemm il-possibilita' li s-sena d-dieħla din il-konferenza ssir hawn Malta.

## 3 RAPPORTI MILL-KUNSILLIERA

31 Il-Kunsillier s-Sur Eugenio Muscat qara r-rapport dwar din il-Konferenza liema rapport kien se jippubblikah fil-ħarga tal- Kunsill li jmiss.

3.2 Il-Kunsilliera Anthony Cachia Castelletti qal li kull Kunsillier li jippartecipa f'dan it-tip ta' Konferenzi għandu jagħmel rapport u rresqu waqt l-ewwel Laqgħa tal-Kunsill li tkun tmiss

3.3 Il-Kunsillier Eugenio Muscat ippropona u sekonda il-Kunsillier Frank Roe sabiex l-ispejjes tal- flight li s-Sindku s-Sur Max Zammit għamel minn Torino għal Stockholm relatati mal-vjaġġ għal din il-konferenza għandu jitħallas għalihom.

Il-Kunsill qabel uninament imma s-Sindku qal li jirrinunzja lili huwa jieħu revizjoni lura ta' l-ispejjes li kien għamel zejda, filwaqt li reġa rringrazzja lill-Kunsill ta' dan il-ħsieb. Fil-fatt huwa ma ħa l-ebda ħlas lura.

3.4 Is-Sindku s-Sur Max Żammit qal li peress lis-skrivana s-Sinjura Anna Micallef ilha f'dan il-Kunsill għal dawn l-aħħar 13 il-sena, u dejjem għamlet xolgħla sewwa, u taħgħmel xogħol b'dedikazzjoni, jixtieq jipproponi illi l-impieg statues tagħha, min skala 15 titla' għal skala 13 bil-max notch. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Eugenio Muscat u għaldaqstant il- Kunsill qabel ununament li b'mod immedjat titla' għal skala 13 bil –full notch.

3.5 Is-Sindku resaq għal approvazzjoni il-lista tal-pagamenti li għandhom jitħallsu. Saret diskuzzjoni dwar il-pagament li kellu jinħareġ lill-World Marketing rigward Reverse Osmosis. Il-Kunsill qabel li għalissa dan il-pagament ma joħroġ u għaldaqstant il-lista tal-pagament ġiet approvata kollha barra l-imsemmija pagament.

**JUM TA' XBIEX**

Il-Kunsill qabel mod li Gieħ Ta' Xbiex għandu jingħata lill ex Sindku s- Sinjura Antoinette Vassallo, lit-Tabib Adrain Vassallo u l-ex Viċi Sindku
Anton Farrugia. Il-Kunsillier Eugenio Muscat ippropona li jingħata Ġieħ Ta' Xbiex lill-Kappillan Patri Wistin Vella, il-kumplament tal-Kunsill urew ideat differenti minħabba li numri ta' residenti ma kienux kuntenti bil-ħidma ta' dan il-Kappillan. Għaldaqstant l-Agent Segretarju Ezekuttiv is-Sur Pace Pace issuggerixxa li minnflok jingħata ċcertifikat ta' apprezzament. Il-Kunsill dakinhar kien qabel uninament mill-kunsilliera prezenti.

Is-Sindku ippropona wkoll li jgħati r-rikonoxximent lill-Klabb tat-Football ta' Ta' Xbiex u dan ġie maqbul unanimament.

Is-Sindku Max Zammit qal illi peress illi il-Kunsill se jkollu iwaqqaf il-Laqgħa minħabba li l-Kunsillier Anthony Cachia Cachia qed iħossu ma jiflaħx il-laqgħa għandha tiġi posposta għal data oħra fejn se tiġi diskussa JUM TA' XBIEX li qed tigi proposta li ssir fil 14 ta' Gunju 2014. Il-Kunsill qabel

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv